**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xewkija**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 66**

**22 ta' Settembru 2017**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Torri Tinghi, Xewkija, Għawdex fil-4.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Paul Azzopardi - Sindku

Domenic Zerafa - Viċi Sindku

Hubert Saliba - Kunsillier

Jeanelle Attard -Kunsilliera

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

ASSENTI

George Zammit -Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard- Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Paul Azzopardi ippresieda l-laqgħa.

**66.1 Qari tal-Ittri ta' apoloġiji;**

66.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji mill-Kunsilliera.

**66.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

66.2.1 Il-minuti tal-laqgħa 65 li saret nhar il-Ħamis 24 t'Awwissu 2017 ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera preżenti u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

**66.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza**

66.3.1 Is-sindku nforma lil membri li kienet għaddiet korrispondenza u anke saru kuntatti biex ix-xelter fil-pjazza tar-raħal jiġi devoluted. Il-Ministru għal Għawdex lesta li tgħin permezz tan-nies tagħha biex jitnaddaf ix-xelter.

66.3.2 Is-Sindku nform lil membri tal-Kunsill li kienet saret talab biex isir laqgħa rigward l-embellishment tal-pjazza mal-Ministru ta' Għawdex. Il-pjanta uffiċjali għadha ma ħargitx. Il-membri qablu li ġaladarba l-pjanta tkun iffinalizzata din għandha tiġi l-ewwel preżentatha lil Kunsill u imbagħad lil pubbliku inġenerali.

66.3.3 Is-Sindku ikkomunika mal-membri li kienu għaddejjin xi xogħlijiet ta' refurbishment fil-librerija fosthom xi aperturi ġodda, blinds għat-twieqi u anke tpinġija mal-ħitan. Is-Sindku nforma li l-education department kienu ħa jaħdmu xi xkaffar b'xejn wara li l-Kunsill jipprovdi l-materjal. Is-Sinku nforma lil membri li għal darb'oħra l-Kunsill kien applika taħt l-iskema *Inizjattiva Finanzjarja favur il-Komunità - Libreriji Lokali/Reġjonali*. Il-Kunsill applika għal €800 biex b'hekk jinxtraw bl-€1600 f'kotba ġodda fil-Librerija u b'hekk jibqa' jiġi promwov l-qari.

66.3.4 Is-Sindku nforma li l-Kunsill ma setax japplika taħt l-iskema msemmija f'Ċirkulari Numru 21/2017 - *Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storiċi 2017* għax din ma kinitx applikabli għal Kunsilli f'Għawdex. Madanakollu s-Sindku semma' kif il-Ministeru t'Għawdex qed jaħdem fuq skema simili għal Kunsilli f' Għawdex li għandha toħroġ aktar 'il quddiem. Is-Sindku kkomunika li l-Arċipriet kien talab li ssir applikazzjoni biex jittranġa l-kampnar tal-kappella tal-Madonna tal-Ħniena. Minħabba li diġa' hemm permess biex ikun jista' jibda x-xogħol u anke minħabba n-natura tax-xogħol il-Kunsill qabel li ssir talba diretta lil Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokal, Dr Owen Bonnici u anke lil Ministru ta' Għawdex, Dr Justyne Caruana biex ikun jista' jiġi restawrat dan il-kampnar.

Is-Sindku ssuġġerrixxa li l-Kunsill għandu jirranġa l-arloġġ tax-xemx fi sqaq fi Triq Santa Teodora ġaladarba jiġu annalizati l-kundizzjonijiet ta' l-iskeam meta din toħroġ.

naraw jekk hux possibli li napplikaw taħt din l-iskema. Il-membri preżenti qablu li għandu jiġi restawrat dan l-arloġġ uniku fil-gżejjer Ghawdxin wara li jsir xi tip ta' *agreement* mas-sid biex jiġi salvat dan l-arloġġ mingħajr ma jsir indħil fil-privat.

66.3.5 Is-Sindku nforma li kellha ssir laqgħa rigward il-bankini tal-Ħamrija mal-avukat biex jintlaħħaq ftehim ma' GV Development qabel isir is-seduta li jmiss. Jekk ikun hemm bzonn għandha tissejjaħ laqgħa b-urġenza.

66.3.6 Is-Sindku ssuġġerixxa li s-Segretarju Eżekuttiv kellha tkellem lil Fr Bezzina, storiku rrinomat biex jannalizza ftit għal min jistgħu jissemgħu żewġ sqaqin fir-raħal li għadhom bla isem. B'hekk għandu jkun il-Kunsill li jipproponi lil Kumitat ta' l-Ismijiet tat-Toroq għal min għandhom jissemmew dawn iż-żewġ sqaqin. Il-Kunsillera Jeanelle Attard issuġerriet li l-isqaq 'l fuq mill-ispeżerija fi Triq L-Indipendeza għandu jissemma għal ex-arċipriet Dun Karm Mercieca.

66.3.7 Ċirkulari AKL 60- Tindif fil-Widien. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din iċ-Ċirkulari.

66.3.8 Ċirkulari AKL 62/2017-Ħinijiet tas-Seduti tal-Kinsill Lokali fejn qed jiġi mmitlub li l-ħin tal-laqgħat ma jaqbiżx il-5.30 ta' fil-għaxija. Il-kontenut ta' din iċ-ċirkulurai ġie nnotat.

66.3.9 Ċirkulari 24/2017- Tibdil fil-website uffiċjali tal-Kunsill Lokali. Il-membri tal-Kunsill nnotaw il-kontenut.

66.3.10 Korrispondenza minn GreenPak fejn il- Kunsill ġie mgħarraf li ġie nominat għall- *Best Performance Award* u għalhekk irid jiġbor ġertifikat u token ta €250.

66.3.11 Imejl minn Sra Jeanette Abdilla rigward il-*Management Letter u Council's Reply* biex dawn jintbagħtu sa l-1 ta' Settembru 2017. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din l-imejl.

66.3.12 Imejl bid-dettalijі għall-Konferenza *Waste Management Gozo* li se tittella' fit-13 ta' Settembru 2017 fil-Ministeru t' Għawdex. Il-Kunsill ħa nota ta' din il-konferenza.

66.3.13 Ċirkulari AKL 65/2017- Laqgħa Plenarja u Laqgħa tas-Sindku fit-30 ta' Settembru. Il-membri tal-Kunsill innutaw il-kontenut.

66.3.14 Ċirkulari AKL67/2017- Courses and Registration Forms for the AMIF Project. Il-membri tal-Kunsill innutaw il-kontenut.

66.3.15 Imejl mingħand Sra Mandy Falzon rigward l-applikazzjoni għall-bini/restawr ta' ħitan tas-sejjieħ. Il-membri tal-Kunsill innutaw il-kontenut u ġaladarba l-applikazzjoni għall-istess fondi ġa intbagħtet aktar kmieni din is-sena din l-applikazzjoni ma kinitx ħa tiġi kkunsidrata.

66.3.16 Stqarrija għall-istampa mill-Kummisjoni Elettorali-Reviżjoni tar-Reġisri Elettorali. 6.3.17 Ċirkulari 68/2017- *Commonwealth Local Government Conferences (CLGC)*. Il-membri tal-Kunsill innota din l-istedina

66.3.18 Ċirkulari AKL 69/2017- *Transport Malta Stakeholder Consulting Meeting*. Il-Kunsill innota d-data u l-hin ta' dan il-laqgħa.

66.3.19 Imejl minn Transport Malta javża biex ma jinħarġux permessi biex ma jingħalqux triqat u anqas ma jsiru nterventi fit-toroq bejn is-7.00 u d-9.00 ta' filghodu.

66.3.20 Ċirkulari 26/2017- Elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Il-membri tal-Kunsill innota l-kontenut.

66.3.21 Ċirkulari 23/2017- *Qualificiation Allowance* għas-Segretarju Eżekuttiv u Ħaddiema Klerikali tal-Kumitat Reġjonali u Kunsilli Lokali. Il-membri tal-Kunsill innota l-kontenut.

66.3.22 Ċirkulari 27/2017-Ġurament li jittieħed minn Kunsilliera

66.3.23 Ċirkulari AKL 70/2017 - *'Clean, Shared and Intelligent Mobility' Seminar* 28.09.17.

66.3.24 Korrispondenza relata mal-Premju Anzjanita' Attiva. Il-membri tal-Kunsill qablu li għandha tiġi nominata Ġuża Cassar għall-impenn tagħha f' diversi għaqdiet fir-raħal.

**66.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

66.4.1 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet rigward is-servizz tal-minibus għall-istudenti li jattendu l-iskola primarja tax-Xewkija. Is-Segretarju Eżekuttiv stqarret li minħabba li ma kienx baqa' żmien minn meta ġie deċisiż li l-Kunsill joffri dan is-servizz ma kienx hemm għażla oħra ħlief li jinġabru tlett kwotazzjonijiet u tingħażel l-irħas offerta. Lourdes Garage offra l-irħas offerta u għalhekk ħa joffri s-servizz għas-sena skolastika. Daħlu ukoll diversi ilmenti rigward it-transport tal-iskola wara xi ġenituri avviċinaw lil Kunsill minħabba li dan kellhu jinda jiġi provdut b'xejn hekk kif imwiegħed qabel l-elezzjoni. Il-Kunsill iddiskuta li dramment ma kienx hemm l-ebda korrispondenza mid-dipartiment dan għandu jibqa' jiġi provdut bi prezz issusidjat.

*5.43pm George Zammit dahal fil-kamra.*

66.4.2 Il-Kunsillier Domenic Zerafa ġibed l-attenzjoni li fil-Playing Field tal-Barmil kien hemm bandla miksura. Is-Sindku għarraf lil membri li kienu ntbagħtu l-ħaddiema tal-Kunsill biex din tinqala'. Is-Sindku stqarr ukoll li idealment għandu jsir assessment fuq l-istat ħażin tal-Playing Fields fir-raħal ħalli mbagħad isir ix-xogħol li għandu bżonn isir f'dawn il-Playing Felds fosthom bdil ta' bandli u anke bdil ta' tapiti. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan.

66.4.3 Il-Kunsillier Hubert Saliba staqsa rigward ir-riħa qawwija tad-drenaġġ fi Triq San Zakkarija maċ-Ċentru Parrokjali. Is-Sindku wieġeb li azzjoni fuq din il-problem kienet diġa ttieħdet wara li l-Kunsill għadda l-ilment lil Water Services Corporation. Il-problema kienet filfatt minn fossa ta'residenza privata.

66.4.4 Il-Kunsillier Domenic Zerafa talab li jitnaddfu l-culverts fi Triq Il-Ħamrija qabel ma tagħmel xi maltempata. Il-membri kollha qablu li dawn għandhom jitnaddfu mmedjatament. L-istess Kunsillier ġibed l-attenzjoni li t-tabella bil-ġurnata li fiha jarma l-monti ma kinitx għadha mwaħħla mal-ħajt fejn il-mitħna.

66.4.5 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard talbet biex jitbagħtu l-ħaddiema responsabbli mit-tindif fi Triq Il-Ħamrija sabiex titnaddaf il-bankina ta' l-iskola li tkun dejjem bil-ħmieġ ta' l-annimali. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tkellem lil Cleansing Unit fi ħdan il-Ministeru t'Għawdex peress li din it-triq taqa' taħt il-Gvern Ċentrali.

66.4.6 Il-Kunsillier George Zammit talab li jerġgħu jiġu mqabbda l-green wardens minħabba l-ħmieġ ta' l-annimali u dawn għandhom jimmultaw lil min jaqbdu. Is-Sindku u l-membri 'l oħra oġġezjonaw għax meta dawn ġew imqabbda ma ntlaħħaqx l-iskop ewlieni li għalih tqabbdu.

66.4.7 Il-Kunsillier Hubert Saliba ilmenta fuq l-għottin tal-pjanti fi Pjazza San Ġwann u talab biex l-għottin jiġi ivitati immedjatament qabel ma jintilfu. Il-membri qablu li għandha tittieħed azzjoni billi jintbagħtu l-ħaddiema tal-Kunsill.

66.4.8 Il-Kunsillier Hubert Saliba talab ukoll biex jitwaħħlu tabelli fejn il-Heliport li juru d-direzzjoni għal Imġarr Ix-Xini għax huma ħafna t-turisti u anke Maltin li jieqfu u jitolbu l-għajnuna biex jaslu f'din il-bajja. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan.

**66.5 Nomini- Premju Ġieh Ix-Xewkija**

66.5.1 Is-Sindku ppropona li bħas-snin 'l imgħoddija korrispondenza flimkien mar-regolamenti applikabli għan-nominazzjoni għandha tintbagħat lil għaqdiet kollha tar-raħal biex dawn ikunu jistgħu jinnominaw lil min jixtieq































 huma għal dan il-Premju. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan.

**66.6 Programm għal Jum Ix-Xewkija**

66.6.1 Il-membri tal-Kunsill qablu li Jum Ix-Xewkija għandu jittella' fl-aħħar Sibt ta' Novembru, il-25 ta' Novembru 2017. Is-Segretarju Eżekuttiv kellha tibda minnufih bil-preparamenti. Il-Programm għandu jkun simili għal dak tas-snin l-imgħoddija bil-parteċipazzjoni fost l-oħrajn tal-Banda Prekursur. Is-Sindku għarraf li kienu għaddejjin diskussjonijiet fuq il-possibilita' li l-avveniment jittella' fil-knisja minflok fis-sala parokkkjali.

66.6.2 Il-Kap ta' l-Iskola kellha tiġi nfurmata rigward xogħol għat-tfal relatat mal-lokalita' tax-Xewkija biex b'hekk it-tfal ikunu ukoll parti minn dan l-avveniment. Bħas-snin l-imgħoddija t-tfal tal-Kinder li japplikaw kellhom jiġu mogħtija educational gam*e.* Il-kunsill qabel li Monica Mercieca kellha tieħu ħsieb ix-xiri tal-kotba għat-tfal li jattendu l-Primarja mill-Year 1 sa Year 6.

**66.7 Il-Proġett tal-Kunsill Il-Ġdid u Proġetti Oħra**

66.7.1 Is-Sindku informa lil membri tal-Kunsill li għalkemm ma kienx għad baqa' xogħol kbir fil-Kunsill il-Ġdid jaħseb li mhux ħa jkun possibli li dan jinfetaħ sa l-aħħar ta' Novembu ma' Jum Ix-Xewkija.

66.7.2 Is-Sindku kkomunika mal-membri tal-Kunsill li l-Perit Shawn Spenser Micallef kien qed jaħdem fuq il-pjanta għal Ġnien Il-Ħaddiem. Dan il-ġnien għandu jsir b'paviment ġdid, *lightning* addattat u anke toilets. Il-post għandu jsir aktar aċċessibli peress li r-rampa preżenti hija wieqfa ħafna. Il-funtani li preżentament mhumiex qed jaħdmu bħalissa hemm il-ħsieb li jinqalgħu peress li dawn iridu maintenance kbira. Minflok il-funtani il-membri preżenti qablu li ssir biċċa xogħol ta' l-arti relata mal-post fil-qalba ta' l-*industrial estate*.

**66.8 Sejħa għall-Post ta' Skrivan mal-Kunsill**

66.8.1 Is-Sindku nforma lil membri li minħabba l-volum tax-xogħol kien qed jinħass il-bżonn li tinħareġ sejħa għall-skrivan. Wara diskussjoni għal liema grad għandha toħroġ is-sejħa, l-membri preżenti qablu li s-sejħa għandha toħroġ għal Uffiċjal Eżekuttiv fiss u mhux back-to-back għal fatt li l-popolazzjoni tax-Xewkija tammonta għal 3,300 li jfisser li l-Kunsill jista' jkollu sa żewġ ħaddiema tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tiċċekja mad-dipartiment biex tara sew x'inhi l-proċedura li trid tiġi applikata f'dan il-każ ħalli s-sejħa għal Uffiċjal Eżekuttiv toħroġ immedatament.

**66.9 Quoatation servizz ta' Aċc0countant għall-Update tal-Fixed Asset Register**

66.9.1 Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel li għandna nimxu mar-rakkomandazzjoni tal-bord ta' evalwazzjoni li twaqqaf sabiex jaġġudika il-kwotazzjoni għas-servizz ta' accountant għall-Update tal-Fixed Asset Register u nagħtu din l-offerta lil Apex Business Services Limited.

**66.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

66.7.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**66.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

66.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.34pm. Il-Kunsilliera qablu unanimament li s-seduta li jmiss tal-Kunsill għandha ssir nhar il-Ġimgħa 20 ta' Ottubru 2017 fl-4.30pm.

Konfermati, illum 20 t'Ottubru 2017

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Paul Azzopardi | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |